MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1230/2003

**Standard Publications Limited**

**vs**

**Anthony Balzan**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Gunju 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' seba' mija u sebgha u tmenin Lira Maltin u zewg centezmi (Lm787.02) rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut lil Standard Publications Limited in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fl-2002.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Mejju 2003 u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Lisa Lombardi in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ seba’ mija u sebgha u tmenin Lira Maltin u zewg centezmi (Lm787.02), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Mejju 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------